MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 1002/2006

**Advertasia Services Limited**

**Vs**

**Mambra Electronics Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta` Novembru, 2006, fejn intalab li l-s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba` mija u sittax il-lira Maltija (Lm1,416) ekwivalenti ghal Euro 3,298.39c, rapprezentanti prezz ta` avvizi li dehru fuq l-erba` pagni fil-magazine "The Voucher" fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra legali datata 26 ta` Ottubru, 2006 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta`

dan l-avviz kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 28 ta` Novembru, 2006 ikkontestat it-talba attrici billi allegat kien qed isir ftehim biex jitnaqqas il-prezz tar-reklami li deher fil-magazin fix-xahar ta` Ottubru in vista tal-fatt li s-socjeta` attrici naqset li tqassam l-istess f’mija u hamsin elf dar u kif ukoll peress li ma kienx qed jitqassam f’Ghawdex.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici inkluzi dawk ta` l-ittra legali datata 22 ta` Ottubru, 2006 u kif ukoll ghal telf ta` bejgh per konsegwenza tan-negligenza tas-socjeta` attrici.

Is-socjeta` konvenuta resqet kontro-talba fejn talbet sabiex is-socjeta` attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta` Lm1,200 oltre Lm216 taxxa tal-VAT, rapprezentanti ammont dovut talli s-socjeta` attrici ma onoratx il-ftehim u cioe` dak li tqassam 150,000 kopja tal-magazine u kif ukoll li tqassam l-istess fil-Gzira ta` Ghawdex.

Is-socjeta` attrici ma pprezentat ebda risposta ghal kontro-talba tas-socjeta` konvenuta.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet inkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi t-talba tas-socjeta` attrici biex tithallas l-ammont ta` reklamar ghal dawk li dehru fil-harga ta` ottubru ma hiex qed tigi kontestata per se`. Il-magazine hareg u r-reklami saru, kwindi l-ammont mitlub kien dovut skond il-ftehim bejn il-partijiet li jinsab ragolat bid-dokument ezebit difatti miz-zewg nahat a fol. 2 u a fol. 28 tal-process.

Illi kemm fir-risposta u kif ukoll fil-kontro-talba, is-socjeta` konvenuta qieghedha tilmenta mill-fatt li ma tqassmux il-

mija u hamsin kopja mwieghda u li ma tqassamx fil-Gzira ta` Ghawdex u kwindi l-prezz ghax-xahar ta` Ottubru kellu jitnaqqas anzi addirittura kellhom jithallsu lura s-somma ta` Lm1,200, rapprezentanti l-ahhar kont imhallas mis-socjeta` konvenuta.

Illi ghar-rigward l-ammont mitlub in kontro-talba, it-Tribunal huwa tal-fehma mhux biss illi din it-talba ma gietx soddisfacentement ippruvata izda l-premessi li tressqu ghal tali talba ma jaghmlu ebda sens logiku u kwindi wisq anqas legali. Xi forma ta` raguni ghal tali talba inghatat biss fil-kontro-ezami ta` dirigent tas-socjeta` konvenuta fejn dan qed jippretendi li jigi lilu refuz l-ammont kollu minnu mhallas ta` harga precedenti ghar-raguni li ma tqassmux 150,000 kopja u xejn fil-Gzira ta` Ghawdex.

Illi dawn l-istess zewg ragunijiet inghataw fir-risposta sabiex ma jhallasx jew jonqos l-ammont li ghandu jhallas ghall-ahhar harga ta` Ottubru. Illi dwar l-ammont ta` tqasssim ta` 150,000 kopja o meno mhux talli ma tresqitx prova f'dan is-sens negattiv izda ghal kontra Paul Abdilla tal-Maltapost xehed illi huma jkollhom appuntu medja ta` 150,000 kopja xi jqassmu. Dwar il-kwistjoni ta` Ghawdex ghalkemm jista` jirrizulta minn xi dokumentazzjoni li s-socjeta` attrici kienet qed tirreklama li l-magazine taghha jitqassam f'Ghawdex ukoll, pero` il-fatt li dan ma kienx jitqassam fi zmien ta` l-ordni li saret mis-socjeta` konvenuta certament ma kienx fattur influwenti fl-inkarigu moghti. Barra minnhekk jinghad li s-socjeta` konvenuta mhux biss ma haditx il-passi legali sabiex tittermina tali kuntratt ta` reklamar meta saret taf bil-fatt li ma kienx hemm distribuzzjoni ghal Gzira ta` Ghawdex izda sahanistra kompliet ghaddejja bl-istess reklamar. Fil-fatt fl-affidavit tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta ftit li xejn jaghti importanza ghal dan il-fattur. Barra minhekk jinghad li skond il-ftehim pattwit bil-miktub li jinsab a fol. 2 u a fol. 28 tal-process imkien ma hemm stipulat li kellha ssir distribuzzjoni f'Ghawdex ukoll.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq it-talba tas-socjeta` attrici qed jilqa` l-istess u kwindi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-

somma mitluba ta` Euro 3,298.39c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-odjern avviz filwaqt li ghar-rigward il-kontro-talba sollevata mis-socjeta` konvenuta, qieghed jirrespingi l-istess ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, bl-ispejjez kollha kemm tat-talba u kif ukoll tal-kontro-talba a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------